(+) Il-livell massimu ta' resdiwu applikabbli għall-għerq tal-mustarda (Armoracia rusticana) fil-grupp tal-ħwawar (kodiċi 0840040) huwa dak stabbilit għall-għerq tal-mustarda (Armoracia rusticana) fil-kategorija tal-ħaxix, fil-grupp tal-għeruq u tat-tuberi (kodiċi 0213040) filwaqt li jitqies it-tibdil tal-ipproċessar (tnixxif) skont l-Artikolu 20 (1) tar-Regolament (KE) Nru 396/2005.

**0840040** **Għerq tal-mustarda**

**Trifloksistrobina (A) (F) (R)**

(A) Il-laboratorji ta' referenza tal-UE identifikaw li l-istandards ta' referenza għas-CGA321113 mhumiex disponibbli kummerċjalment. Meta tkun qed tirrevedi l-MRL, il-Kummissjoni se tqis id-disponibbiltà kummerċjali tal-istandard ta' referenza msemmi fl-ewwel sentenza, sa 23 ta' Lulju 2016, jew, jekk dik l-informazzjoni ma tiġix sottomessa sa dik id-data, in-nuqqas tagħha.

(R) = Id-definizzjoni ta' residwu tvarja għall-kombinazzjonijiet pestiċida-numru tal-kodiċi li ġejjin:

Trifloksistrobina- kodiċi 1000000 għajr għal 1040000: it-total ta' trifloksistrobina u l-aċidu metabolit (E,E)-metossimino- {2-[1-(3-trifluwometil-fenil)-etilideneammino-ossimetil]-fenil-aċetiku} (CGA 321113) tagħha

(+) L-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel indunat li xi informazzjoni dwar il-provi tar-residwi mhijiex disponibbli. Meta tkun qed tirrevedi l-MRL, il-Kummissjoni se tqis l-informazzjoni msemmija fl-ewwel sentenza, jekk din titressaq minn 23 ta' Lulju 2017, jew, jekk dik l-informazzjoni ma tiġix sottomessa sa dik id-data, in-nuqqas tagħha.

**0154040** **Ribes (ħodor, ħomor u sofor)**

**0162030** **Frotta tal-passjoni**

**0231020** **Bżar ħelu (kapsikum)**

**0232010** **Ħjar**

**0232020** **Ħjar tal-pikles**

**0243000** **(c) Brassica bil-weraq**

**0243010** **Kaboċċi Ċiniżi**

**0243020** **Kale**

**0243990** **Oħrajn**

**0251030** **Escaroles/Indivja tal-weraq wiesa'**

**0256000** **(f) ħxejjex aromatiċi u fjuri li jittieklu**

**0256010** **Maxxita**

**0256020** **Kurrat selvaġġ**

**0256030** **Weraq tal-karfus**

**0256040** **Tursin**

**0256050** **Salvja**

**0256060** **Klin**

**0256070** **Sagħtar**

**0256080** **Ħabaq u l-fjuri tiegħu li jittieklu**

**0256090** **Weraq tar-rand**

**0256100** **Stragun**

**0256990** **Oħrajn**

**0260010** **Fażola (bil-miżwed)**

**0500050** **Ħafur**

(+) Il-livell massimu ta' resdiwu applikabbli għall-għerq tal-mustarda (Armoracia rusticana) fil-grupp tal-ħwawar (kodiċi 0840040) huwa dak stabbilit għall-għerq tal-mustarda (Armoracia rusticana) fil-kategorija tal-ħaxix, fil-grupp tal-għeruq u tat-tuberi (kodiċi 0213040) filwaqt li jitqies it-tibdil tal-ipproċessar (tnixxif) skont l-Artikolu 20 (1) tar-Regolament (KE) Nru 396/2005.

**0840040** **Għerq tal-mustarda**

(+) L-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel indunat li xi informazzjoni dwar il-metodi analitiċi mhijiex disponibbli. Meta tkun qed tirrevedi l-MRL, il-Kummissjoni se tqis l-informazzjoni msemmija fl-ewwel sentenza, jekk din titressaq minn 23 ta' Lulju 2017, jew, jekk dik l-informazzjoni ma tiġix sottomessa sa dik id-data, in-nuqqas tagħha.

**1011010** **Muskoli**

**1011020** **Tessut xaħmi**

**1011030** **Fwied**

**1011040** **Kliewi**

**1012010** **Muskoli**

**1012020** **Tessut xaħmi**

**1012030** **Fwied**

**1012040** **Kliewi**

**1013010** **Muskoli**

**1013020** **Tessut xaħmi**

**1013030** **Fwied**

**1013040** **Kliewi**

**1014010** **Muskoli**

**1014020** **Tessut xaħmi**

**1014030** **Fwied**

| | |
|---|---|
| **1014040** | **Kliewi** |
| **1016010** | **Muskoli** |
| **1016020** | **Tessut xaħmi** |
| **1016030** | **Fwied** |
| **1020010** | **Bhejjem tal-ifrat** |
| **1020020** | **Nagħaġ** |
| **1020030** | **Mogħoż** |
| **1030000** | **Bajd tat-tjur** |
| **1030010** | **Tiġieġ** |
| **1030020** | **Papri** |
| **1030030** | **Wiżż** |
| **1030040** | **Summien** |
| **1030990** | **Oħrajn"** |

(b) Tiżdied il-kolonna li ġejja għall-amidosulfuron:

**"Ir-residwi tal-pestiċidi u l-livelli massimi tar-residwi (mg/kg)**

| Numru tal-kodiċi | Gruppi u eżempji ta' prodotti individwali li għalihom japplikaw l-MRLs ([a]) | Amidosulfuron (A) (R) |
|---|---|---|
| (1) | (2) | (3) |
| 0100000 | **FROTT, FRISK JEW IFFRIŻAT; ĠEWŻ TAS-SIĠAR** | 0,01 (*) |
| 0110000 | **Frott taċ-ċitru** | |
| 0110010 | Grejpfrut | |
| 0110020 | Larinġ | |
| 0110030 | Lumi | |
| 0110040 | Xkomp | |
| 0110050 | Mandolin | |
| 0110990 | Oħrajn | |
| 0120000 | **Ġewż tas-siġar** | |
| 0120010 | Lewż | |
| 0120020 | Ġewż tal-Brażil | |
| 0120030 | Ġewż tal-anakardju | |

| | | |
|---|---|---|
| 0120040 | Qastan | |
| 0120050 | Ġewż tal-Indi | |
| 0120060 | Ġellewż/ġellewż Ewropew | |
| 0120070 | Macadamia | |
| 0120080 | Ġewż Amerikan | |
| 0120090 | Qlub tal-ġewż tal-arżnu | |
| 0120100 | Pistaċċi | |
| 0120110 | Ġewż | |
| 0120990 | Oħrajn | |
| 0130000 | **Pomu** | |
| 0130010 | Tuffieħ | |
| 0130020 | Lanġas | |
| 0130030 | Sfarġel | |
| 0130040 | Naspli | |
| 0130050 | Naspli tal-Ġappun | |
| 0130990 | Oħrajn | |
| 0140000 | Frott tal-għadma | |
| 0140010 | **Berquq** | |
| 0140020 | Ċiras (ħelu) | |
| 0140030 | Ħawħ | |
| 0140040 | Għanbaqar | |
| 0140990 | Oħrajn | |
| 0150000 | **Berries u frott żgħir** | |
| 0151000 | (a) *għeneb* | |
| 0151010 | Għeneb tal-mejda | |
| 0151020 | Għeneb għall-inbid | |
| 0152000 | (b) *frawli* | |
| 0153000 | (c) *frott tal-kannamiela* | |
| 0153010 | Tut | |
| 0153020 | Ċawsli iswed [Dewberries] | |
| 0153030 | Lampun (aħmar u isfar) | |
| 0153990 | Oħrajn | |

| | | |
|---|---|---|
| 0154000 | (d) *frott żgħir u berries oħrajn* | |
| 0154010 | Mirtill | |
| 0154020 | Cranberries | |
| 0154030 | Passolina (ħamra, sewda u bajda) | |
| 0154040 | Ribes (ħodor, ħomor u sofor) | |
| 0154050 | Warda Skoċċiża | |
| 0154060 | Ċawsli (suwed u bojod) | |
| 0154070 | Għanżalor/naspli tal-Mediterran | |
| 0154080 | Frott tas-sebuqa | |
| 0154990 | Oħrajn | |
| 0160000 | **Frott — diversi bi** | |
| 0161000 | (a) *qoxra li tittiekel* | |
| 0161010 | Tamal | |
| 0161020 | Tin | |
| 0161030 | Żebbuġ tal-mejda | |
| 0161040 | Larinġ tal-qsari | |
| 0161050 | Karambola | |
| 0161060 | Kaki | |
| 0161070 | Jambolan | |
| 0161990 | Oħrajn | |
| 0162000 | (b) *qoxra li ma tittikilx, żgħar* | |
| 0162010 | Frott tal-Kiwi (aħdar, aħmar u isfar) | |
| 0162020 | Liċċi | |
| 0162030 | Frotta tal-passjoni | |
| 0162040 | Bajtar tax-xewk/frotta tal-kaktus | |
| 0162050 | Tuffieħ stilla | |
| 0162060 | Kaki Amerikan/Kaki tal-Virġinja | |
| 0162990 | Oħrajn | |
| 0163000 | (c) *qoxra li ma tittikilx, kbar* | |
| 0163010 | Avokado | |
| 0163020 | Banana | |
| 0163030 | Mango | |

| | | | |
|---|---|---|---|
| 0163040 | | Papaja | |
| 0163050 | | Rummien | |
| 0163060 | | Ċerimoja | |
| 0163070 | | Gwava | |
| 0163080 | | Ananas | |
| 0163090 | | Frotta tas-siġra tal-ħobż | |
| 0163100 | | Durian | |
| 0163110 | | Il-frotta tal-annona | |
| 0163990 | | Oħrajn | |
| 0200000 | **ĦAXIX, FRISK JEW IFFRIŻAT** | | |
| 0210000 | **Ħxejjex mill-għeruq u t-tuberi** | | 0,01 (*) |
| 0211000 | (a) | *patata* | |
| 0212000 | (b) | *ħxejjex tropikali mill-għeruq u t-tuberi* | |
| 0212010 | | Għeruq tal-kassava | |
| 0212020 | | Patata ħelwa | |
| 0212030 | | Jammijiet | |
| 0212040 | | Ararut | |
| 0212990 | | Oħrajn | |
| 0213000 | (c) | *ħxejjex oħra tal-għeruq u tat-tuberi minbarra l-pitravi* | |
| 0213010 | | Pitravi | |
| 0213020 | | Zunnarija | |
| 0213030 | | Celeriacs/Krafes bl-għeruq/krafes Ġermaniżi | |
| 0213040 | | Għerq tal-mustarda | |
| 0213050 | | Artiċokks | |
| 0213060 | | Zunnarija bajda | |
| 0213070 | | Tursin tuberuż | |
| 0213080 | | Ravanell | |
| 0213090 | | Sassefrika | |
| 0213100 | | Swedes | |
| 0213110 | | Lift/nevew | |
| 0213990 | | Oħrajn | |

| | | |
|---|---|---|
| 0220000 | **Ħxejjex tal-basla** | 0,01 (*) |
| 0220010 | Tewm | |
| 0220020 | Basal | |
| 0220030 | Xalotti | |
| 0220040 | Basal tar-Rebbiegħa/basal aħdar u basal ta' Wales | |
| 0220990 | Oħrajn | |
| 0230000 | **Ħxejjex tal-frott** | 0,01 (*) |
| 0231000 | (a) *solanacea* | |
| 0231010 | Tadam | |
| 0231020 | Bżar | |
| 0231030 | Brunġiel | |
| 0231040 | Okra | |
| 0231990 | Oħrajn | |
| 0232000 | (b) *kukurbiti tal-qoxra kommestibbli* | |
| 0232010 | Ħjar | |
| 0232020 | Ħjar tal-pikles | |
| 0232030 | Qargħabagħli | |
| 0232990 | Oħrajn | |
| 0233000 | (c) *kukurbiti tal-qoxra li ma tittikilx* | |
| 0233010 | Bettieħ | |
| 0233020 | Qargħa aħmar | |
| 0233030 | Dulliegħ | |
| 0233990 | Oħrajn | |
| 0234000 | (d) *qamħirrum* | |
| 0239000 | (e) *ħxejjex tal-frott oħrajn* | |
| 0240000 | **Ħxejjex tal-ġenus brassika (minbarra l-għeruq tal-brassika u l-ħxejjex tal-brassika tal-weraq żgħir)** | 0,01 (*) |
| 0241000 | (a) *Brassika li twarrad* | |
| 0241010 | Brokkli | |

| | | | |
|---|---|---|---|
| 0241020 | | Pastard | |
| 0241990 | | Oħrajn | |
| 0242000 | (b) | *brassika bir-ras* | |
| 0242010 | | Brussels sprouts | |
| 0242020 | | Kaboċċa bir-ras | |
| 0242990 | | Oħrajn | |
| 0243000 | (c) | *brassika bil-weraq* | |
| 0243010 | | Kaboċċi Ċiniżi | |
| 0243020 | | Kale | |
| 0243990 | | Oħrajn | |
| 0244000 | (d) | *ġdur* | |
| 0250000 | **Ħxejjex tal-weraq, ħxejjex aromatiċi u fjuri li jittieklu** | | |
| 0251000 | (a) | *ħass u ħxejjex oħrajn tal-insalata* | 0,01 (*) |
| 0251010 | | Ħass tal-ħaruf/ Insalata tal-qamħ | |
| 0251020 | | Ħass | |
| 0251030 | | Esacrole/Indivja bil-weraq wiesa' | |
| 0251040 | | Krexxuni u nebbieta u rimi oħrajn | |
| 0251050 | | Krexxuni tal-art | |
| 0251060 | | Aruka | |
| 0251070 | | Mustarda ħamra | |
| 0251080 | | Ħxejjex tal-weraq żgħir (fosthom speċijiet ta' brassika) | |
| 0251990 | | Oħrajn | |
| 0252000 | (b) | *spinaċi u weraq simili* | 0,01 (*) |
| 0252010 | | Spinaċi | |
| 0252020 | | Burdlieq | |
| 0252030 | | Weraq tal-pitravi | |
| 0252990 | | Oħrajn | |
| 0253000 | (c) | *weraq tad-dwieli u u ta' speċijiet simili* | 0,01 (*) |
| 0254000 | (d) | *krexxuni* | 0,01 (*) |

| | | |
|---|---|---|
| 0255000 | (e) *ċikwejra* | 0,01 (*) |
| 0256000 | (f) *ħxejjex aromatiċi u fjuri li jittieklu* | **0,02** (*) |
| 0256010 | Maxxita | |
| 0256020 | Kurrat selvaġġ | |
| 0256030 | Weraq tal-karfus | |
| 0256040 | Tursin | |
| 0256050 | Salvja | |
| 0256060 | Klin | |
| 0256070 | Sagħtar | |
| 0256080 | Ħabaq u l-fjuri tiegħu li jittieklu | |
| 0256090 | Weraq tar-rand | |
| 0256100 | Stragun | |
| 0256990 | Oħrajn | |
| 0260000 | **Legumi** | 0,01 (*) |
| 0260010 | Fażola (bil-miżwed) | |
| 0260020 | Fażola (bla miżwed) | |
| 0260030 | Piżelli (bil-miżwed) | |
| 0260040 | Piżelli (bla miżwed) | |
| 0260050 | Għads | |
| 0260990 | Oħrajn | |
| 0270000 | **Ħxejjex biz-zokk** | 0,01 (*) |
| 0270010 | Asparagu | |
| 0270020 | Kardun | |
| 0270030 | Krafes | |
| 0270040 | Bużbież ta' Firenze | |
| 0270050 | Qaqoċċ | |
| 0270060 | Kurrat | |
| 0270070 | Rabarbru | |
| 0270080 | Rimi tal-pjanta tal-bambu | |
| 0270090 | Qlub tal-palm | |
| 0270990 | Oħrajn | |

| | | |
|---|---|---|
| 0280000 | **Faqqiegħ, ħażiż u likeni** | 0,01 (*) |
| 0280010 | Faqqiegħ ikkultivat | |
| 0280020 | Faqqiegħ salvaġġ | |
| 0280990 | Ħażiż u likeni | |
| 0290000 | **Alka u organiżmi prokarjoti** | 0,01 (*) |
| 0300000 | **ŻRIERAGĦ IMNIXXFIN TAL-LEGUMI** | 0,01 (*) |
| 0300010 | Fażola | |
| 0300020 | Għads | |
| 0300030 | Piżelli | |
| 0300040 | Lupini | |
| 0300990 | Oħrajn | |
| 0400000 | **ŻRIERAGĦ TAŻ-ŻEJT U FROTT TAŻ-ŻEJT** | **0,01** (*) |
| 0401000 | **Żrieragħ żejtnija** | |
| 0401010 | Żerriegħa tal-kittien | |
| 0401020 | Karawett | |
| 0401030 | Żerriegħa tal-peprin | |
| 0401040 | Ġulġlien | |
| 0401050 | Żerriegħa tal-ġirasol | |
| 0401060 | Żerriegħa tal-lift | |
| 0401070 | Fażola tas-sojja | |
| 0401080 | Żerriegħa tal-mustarda | |
| 0401090 | Żerriegħa tal-qoton | |
| 0401100 | Żerriegħa tal-qargħa ħamra | |
| 0401110 | Żrieragħ tal-għosfor | |
| 0401120 | Żerriegħa tal-fiddloqom | |
| 0401130 | Żerriegħa tal-camelina sativa | |
| 0401140 | Qannebusa | |
| 0401150 | Żerriegħa tar-riġnuwa | |
| 0401990 | Oħrajn | |

| | | |
|---|---|---|
| 0402000 | **Frott taż-żejt** | |
| 0402010 | Żebbuġ għall-produzzjoni taż-żejt | |
| 0402020 | Il-qlub taż-żerriegħa tal-palm taż-żejt | |
| 0402030 | Il-frott tal-palm taż-żejt | |
| 0402040 | Kapok | |
| 0402990 | Oħrajn | |
| 0500000 | **ĊEREALI** | **0,01** (*) |
| 0500010 | Xgħir | (+) |
| 0500020 | Qamħ saraċin u ċereali foloż oħrajn | |
| 0500030 | Qamħirrum | |
| 0500040 | Millieġ komuni | |
| 0500050 | Ħafur | (+) |
| 0500060 | Ross | |
| 0500070 | Segala | (+) |
| 0500080 | Sorgu | |
| 0500090 | Qamħ | (+) |
| 0500990 | Oħrajn | |
| 0600000 | **TEJIET, KAFÈ, INFUŻJONIJIET ERBALI, KAWKAW U ĦARRUB** | 0,05 (*) |
| 0610000 | **Tejiet** | |
| 0620000 | **Żrieragħ tal-kafè** | |
| 0630000 | **Infusjonijiet erbali minn** | |
| 0631000 | (a) *fjuri* | |
| 0631010 | Kamomilla | |
| 0631020 | Ibisku | |
| 0631030 | Ward | |
| 0631040 | Ġiżimin | |
| 0631050 | Tilju | |
| 0631990 | Oħrajn | |

| | | |
|---|---|---|
| 0632000 | (b) *weraq u ħxejjex aromatiċi* | |
| 0632010 | Frawla | |
| 0632020 | Rooibos | |
| 0632030 | Te tal-Paragwaj | |
| 0632990 | Oħrajn | |
| 0633000 | (c) *għeruq* | |
| 0633010 | Valerjana | |
| 0633020 | Ġinseng | |
| 0633990 | Oħrajn | |
| 0639000 | (d) *kull parti oħra tal-pjanta* | |
| 0640000 | **Żerriegħa tal-Kawkaw** | |
| 0650000 | **Grupp Ħarrub** | |
| 0700000 | **ĦOPS** | 0,05 (*) |
| 0800000 | **ĦWAWAR** | |
| 0810000 | **Ħwawar taż-żerriegħa** | 0,05 (*) |
| 0810010 | Ħlewwa | |
| 0810020 | Ħlewwa sewda/kemmun iswed | |
| 0810030 | Karfus | |
| 0810040 | Kosbor | |
| 0810050 | Kemmun | |
| 0810060 | Xibt | |
| 0810070 | Bużbież | |
| 0810080 | Fienu | |
| 0810090 | Noċemuskata | |
| 0810990 | Oħrajn | |
| 0820000 | **Ħwawar tal-frott** | 0,05 (*) |
| 0820010 | Bżar tal-Ġamajka/piment | |
| 0820020 | Bżar tas-Sichuan | |

| | | |
|---|---|---|
| 0820030 | Ħlewwa Ġermaniża | |
| 0820040 | Kardamomu | |
| 0820050 | Frott tal-ġnibru | |
| 0820060 | Bżar (iswed, aħdar u abjad) | |
| 0820070 | Vanilja | |
| 0820080 | Tamal tal-Indja | |
| 0820990 | Oħrajn | |
| 0830000 | **Ħwawar tal-qoxra tas-siġar** | 0,05 (*) |
| 0830010 | Kannella | |
| 0830990 | Oħrajn | |
| 0840000 | **Ħwawar tal-għeruq u tar-riżomi** | |
| 0840010 | Għud is-sus | 0,05 (*) |
| 0840020 | Ġinġer | 0,05 (*) |
| 0840030 | Żagħfran tal-Indja | 0,05 (*) |
| 0840040 | Għerq tal-mustarda | (+) |
| 0840990 | Oħrajn | 0,05 (*) |
| 0850000 | **Ħwawar tal-blanzuni** | 0,05 (*) |
| 0850010 | Imsiemer tal-qronfol | |
| 0850020 | Kappar | |
| 0850990 | Oħrajn | |
| 0860000 | **Il-ħwawar ta' qalb il-fjura** | 0,05 (*) |
| 0860010 | Żagħfran | |
| 0860990 | Oħrajn | |
| 0870000 | **Ħwawar tal-aril** | 0,05 (*) |
| 0870010 | Il-qoxra barranija tan-noċemuskata | |
| 0870990 | Oħrajn | |

| | | |
|---|---|---|
| 0900000 | **PJANTI TAZ-ZOKKOR** | 0,01 (*) |
| 0900010 | Pitravi taz-zokkor | |
| 0900020 | Kannamieli | |
| 0900030 | Għeruq taċ-Ċikwejra | |
| 0900990 | Oħrajn | |
| 1000000 | **PRODOTTI LI JORIĠINAW MILL-ANNIMALI — ANNIMALI TAL-ART** | |
| 1010000 | **Tessuti minn** | |
| 1011000 | (a) *ħnieżer* | |
| 1011010 | Muskoli | 0,02 (*) |
| 1011020 | Tessut xaħmi | 0,02 (*) |
| 1011030 | Fwied | 0,02 (*) |
| 1011040 | Kliewi | **0,05** |
| 1011050 | Ġewwieni li jittiekel (minbarra l-fwied u l-kliewi) | **0,05** |
| 1011990 | Oħrajn | 0,02 (*) |
| 1012000 | (b) *bovini* | |
| 1012010 | Muskoli | **0,03** |
| 1012020 | Tessut xaħmi | **0,03** |
| 1012030 | Fwied | **0,04** |
| 1012040 | Kliewi | **0,2** |
| 1012050 | Ġewwieni li jittiekel (minbarra l-fwied u l-kliewi) | **0,2** |
| 1012990 | Oħrajn | 0,02 (*) |
| 1013000 | (c) *nagħaġ* | |
| 1013010 | Muskoli | **0,03** |
| 1013020 | Tessut xaħmi | **0,03** |
| 1013030 | Fwied | **0,04** |
| 1013040 | Kliewi | **0,2** |
| 1013050 | Ġewwieni li jittiekel (minbarra l-fwied u l-kliewi) | **0,2** |
| 1013990 | Oħrajn | 0,02 (*) |

| | | |
|---|---|---|
| 1014000 | (d) *mogħoż* | |
| 1014010 | Muskoli | **0,03** |
| 1014020 | Tessut xaħmi | **0,03** |
| 1014030 | Fwied | **0,04** |
| 1014040 | Kliewi | **0,2** |
| 1014050 | Ġewwieni li jittiekel (minbarra l-fwied u l-kliewi) | **0,2** |
| 1014990 | Oħrajn | 0,02 (*) |
| 1015000 | (e) *ekwini* | |
| 1015010 | Muskoli | **0,03** |
| 1015020 | Tessut xaħmi | **0,03** |
| 1015030 | Fwied | **0,04** |
| 1015040 | Kliewi | **0,2** |
| 1015050 | Ġewwieni li jittiekel (minbarra l-fwied u l-kliewi) | **0,2** |
| 1015990 | Oħrajn | 0,02 (*) |
| 1016000 | (f) *tjur* | 0,02 (*) |
| 1016010 | Muskoli | |
| 1016020 | Tessut xaħmi | |
| 1016030 | Fwied | |
| 1016040 | Kliewi | |
| 1016050 | Ġewwieni li jittiekel (minbarra l-fwied u l-kliewi) | |
| 1016990 | Oħrajn | |
| 1017000 | (g) *annimali terrestri oħrajn imrobbijin* | |
| 1017010 | Muskoli | **0,03** |
| 1017020 | Tessut xaħmi | **0,03** |
| 1017030 | Fwied | **0,04** |
| 1017040 | Kliewi | **0,2** |
| 1017050 | Ġewwieni li jittiekel (minbarra l-fwied u l-kliewi) | **0,2** |
| 1017990 | Oħrajn | 0,02 (*) |

| | | |
|---|---|---|
| 1020000 | **Ħalib** | **0,07** |
| 1020010 | Bhejjem tal-ifrat | |
| 1020020 | Nagħaġ | |
| 1020030 | Mogħoż | |
| 1020040 | Żwiemel | |
| 1020990 | Oħrajn | |
| 1030000 | **Bajd tat-tjur** | **0,01** (*) |
| 1030010 | Tiġieġ | |
| 1030020 | Papri | |
| 1030030 | Wiżż | |
| 1030040 | Summien | |
| 1030990 | Oħrajn | |
| 1040000 | **Għasel u prodotti oħrajn tal-apikultura** | **0,05** (*) |
| 1050000 | **Amfibji u Rettili** | 0,02 (*) |
| 1060000 | **Annimali terrestri invertebrati** | 0,02 (*) |
| 1070000 | **Annimali vertebrati terrestri slavaġ** | 0,02 (*) |

(*) Jindika limitu iktar baxx ta' determinazzjoni analitika

(**) Kombinazzjoni tal-kodiċi tal-pestiċida li għaliha japplika l-MRL stabbilit fl-Anness III Parti B.

([a]) Għal-lista sħiħa tal-prodotti ta' oriġini mill-pjanti u l-annimali li għalihom japplikaw l-MRLs, għandha ssir referenza għall-Anness I.

(F) = Jinħall fix-xaħam

**Amidosulfuron (A) (R)**

(A) Il-laboratorji ta' referenza tal-UE indunaw li l-istandards ta' referenza għad-desmetil amidosulfuron mhumiex disponibbli kummerċjalment. Meta tkun qed tirrevedi l-MRL, il-Kummissjoni se tqis id-disponibbiltà kummerċjali tal-istandard ta' referenza msemmi fl-ewwel sentenza sa 23 ta' Lulju 2016, jew, jekk dak l-istandard ta' referenza ma jkunx disponibbli sa dik id-data, in-nuqqas tagħha.

(R) = Id-definizzjoni ta' residwu tvarja għall-kombinazzjonijiet pestiċida-numru tal-kodiċi li ġejjin:

Amidosulfuron — il-kodiċi 1000000 għajr għal 1040000: amidosulfuron (it-total ta' desmetil amidosulfuron, espress bħala amidosulfuron)

(+) L-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel identifikat xi informazzjoni dwar il-metodi analitiċi bħala mhux disponibbli. Meta tkun qed tirrevedi l-MRL, il-Kummissjoni se tqis l-informazzjoni msemmija fl-ewwel sentenza, jekk din titressaq minn 23 ta' Lulju 2017, jew, jekk dik l-informazzjoni ma tiġix sottomessa sa dik id-data, in-nuqqas tagħha.

**0500010 Xgħir**

**0500050 Ħafur**

**0500070 Segala**

**0500090 Qamħ**

(+) Il-livell massimu ta' resdiwu applikabbli għall-għerq tal-mustarda (Armoracia rusticana) fil-grupp tal-ħwawar (kodiċi 0840040) huwa dak stabbilit għall-għerq tal-mustarda (Armoracia rusticana) fil-kategorija tal-ħaxix, fil-grupp tal-għeruq u tat-tuberi (kodiċi 0213040) filwaqt li jitqies it-tibdil tal-ipproċessar (tnixxif) skont l-Artikolu 20 (1) tar-Regolament (KE) Nru 396/2005.

**0840040 Għerq tal-mustarda"**

(2) L-Anness III hu emendat kif ġej:

(a) Fil-Parti A l-kolonna għall-amidosulfuron titħassar.

(b) Fil-parti B il-kolonni għall-feneżammid, il-kresoksim-metil, it-tijakloprid u t-trifloksistrobina huma mħassra.

**REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2015/1201**

**tat-22 ta' Lulju 2015**

**li jġedded l-approvazzjoni tas-sustanza attiva feneżamid skont ir-Regolament (KE) Nru 1107/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar it-tqegħid fis-suq ta' prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti, u li jemenda l-Anness tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 540/2011**

**(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (KE) Nru 1107/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Ottubru 2009 dwar it-tqegħid fis-suq ta' prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti u li jħassar id-Direttivi tal-Kunsill 79/117/KEE u 91/414/KEE ([1]), u b'mod parikolari l-Artikolu 20(1) tiegħu,

Billi:

(1) L-approvazzjoni tas-sustanza attiva feneżamid, kif stipulata fil-Parti A tal-Anness tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 540/2011 ([2]), tiskadi fil-31 ta' Diċembru 2015.

(2) Bi qbil mal-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 1141/2010 ([3]), fil-perjodu stipulat fl-istess Artikolu, tressqet applikazzjoni għat-tiġdid tal-inklużjoni tal-feneżamid fl-Anness I tad-Direttiva tal-Kunsill 91/414/KEE ([4]).

(3) L-applikant ippreżenta l-fajls supplimentari skont l-Artikolu 9 tar-Regolament (UE) Nru 1141/2010. L-Istat Membru relatur sab li l-applikazzjoni kienet sħiħa.

(4) L-Istat Membru relatur ħejja rapport ta' valutazzjoni tat-tiġdid b'konsultazzjoni mal-Istat Membru korelatur u ppreżentah lill-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel (minn hawn 'il quddiem: "l-Awtorità") u lill-Kummissjoni fit-30 ta' April 2013.

(5) L-Awtorità bagħtet ir-rapport ta' valutazzjoni tat-tiġdid lill-applikant u lill-Istati Membri għall-osservazzjonijiet u għaddiet l-osservazzjonijiet li waslulha lill-Kummissjoni. L-Awtorità qiegħdet ukoll il-fajl supplimentari sommarju għad-dispożizzjoni tal-pubbliku.

(6) Fit-30 ta' Ġunju 2014, l-Awtorità bagħtet lill-Kummissjoni l-konklużjoni tagħha ([5]) dwar jekk jistax jiġi mistenni li l-feneżamid jissodisfa l-kriterji għall-approvazzjoni stipulati fl-Artikolu 4 tar-Regolament (KE) Nru 1107/2009. Fis-27 ta' Jannar 2015, il-Kummissjoni ressqet l-abbozz tar-rapport tal-evalwazzjoni għall-feneżamid lill-Kumitat Permanenti dwar il-Pjanti, l-Annimali, l-Ikel u l-Għalf.

(7) Rigward użu rappreżentattiv wieħed jew aktar ta' mill-inqas prodott wieħed tal-protezzjoni tal-pjanti li fih is-sustanza attiva inkwistjoni, ġie stabbilit li l-kriterji għall-approvazzjoni stipulati fl-Artikolu 4 huma ssodisfati. Għalhekk, dawk il-kriterji għall-approvazzjoni jistgħu jitqiesu li huma ssodisfati.

(8) Għalhekk, huwa xieraq li l-approvazzjoni tal-feneżamid tiġi mġedda.

(9) Skont l-Artikolu 20(3) tar-Regolament (KE) Nru 1107/2009, flimkien mal-Artikolu 13(4) tiegħu, l-Anness tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 540/2011 għandu jiġi emendat kif xieraq.

([1]) ĠU L 309, 24.11.2009, p. 1.
([2]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 540/2011 tal-25 ta' Mejju 2011 li jimplimenta r-Regolament (KE) Nru 1107/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill f'dak li għandu x'jaqsam mal-lista ta' sustanzi attivi approvati (ĠU L 153, 11.6.2011, p. 1).
([3]) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 1141/2010 tas-7 ta' Diċembru 2010 li jistabbilixxi l-proċedura għat-tiġdid tal-inklużjoni tat-tieni grupp ta' sustanzi attivi fl-Anness I għad-Direttiva tal-Kunsill 91/414/KEE u li jistabbilixxi l-lista ta' dawk is-sustanzi (ĠU L 322, 8.12.2010, p. 10).
([4]) Id-Direttiva tal-Kunsill 91/414/KEE tal-15 ta' Lulju 1991 li tikkonċerna t-tqegħid fis-suq ta' prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti (ĠU L 230, 19.8.1991, p. 1).
([5]) EFSA Journal 2014;12(7):3744. Disponibbli onlajn fuq: www.efsa.europa.eu.

(10) Dan ir-Regolament għandu japplika mill-għada tal-iskadenza tal-approvazzjoni tas-sustanza attiva feneżamid, kif imsemmi fil-premessa 1.

(11) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma f'konformità mal-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Pjanti, l-Annimali, l-Ikel u l-Għalf,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

**It-tiġdid tal-approvazzjoni ta' sustanza attiva**

L-approvazzjoni tas-sustanza attiva feneżamid, kif speċifikat fl-Anness I, hija mġedda, soġġett għall-kundizzjonijiet stabbiliti f'dak l-Anness.

*Artikolu 2*

**Emendi għar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 540/2011**

L-Anness tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 540/2011 huwa emendat skont l-Anness II ta' dan ir-Regolament.

*Artikolu 3*

**Dħul fis-seħħ u d-data tal-applikazzjoni**

Dan ir-Regolament jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Huwa għandu japplika mill-1 ta' Jannar 2016.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-22 ta' Lulju 2015.

*Għall-Kummissjoni*

*Il-President*

Jean-Claude JUNCKER

*ANNESS I*

| Isem Komuni, Numri ta' Identifikazzjoni | Isem tal-IUPAC | Purità ([1]) | Data tal-approvazzjoni | Skadenza tal-approvazzjoni | Dispożizzjonijiet speċifiċi |
|---|---|---|---|---|---|
| Feneżamid<br>Nru tas-CAS: 126833-17-8<br>Nru CIPAC: 603 | N-(2,3-dikloru-4-idrossifenil)-1- metilċikloeżan-1-karbossammid | ≥ 975 g/kg<br>L-impurità rilevanti li ġejja ma għandhiex taqbeż ċertu limitu fil-materjal tekniku:<br>— toluwen: massimu ta' 1 g/kg,<br>— 4-amino-2,3-diklorofenol: massimu ta' 3 g/kg. | fl-1 ta' Jannar 2016. | fil-31 ta' Diċembru 2030. | Għall-implimentazzjoni tal-prinċipji uniformi kif imsemmi fl-Artikolu 29(6) tar-Regolament (KE) Nru 1107/2009, għandhom jitqiesu l-konklużjonijiet tar-rapport ta' analiżi dwar il-feneżamid, u b'mod partikolari l-Appendiċijiet I u II tiegħu.<br>F'din il-valutazzjoni ġenerali, l-Istati Membri għandhom jagħtu attenzjoni partikolari:<br>— Lill-protezzjoni ta' operaturi waqt operazzjonijiet manwali li jsiru fuq uċuħ tar-raba',<br>— Lill-protezzjoni ta' ħaddiema li jkunu qed jerġgħu jidħlu ħdejn għelejjel li jkunu ġew trattati fil-magħluq,<br>— Lir-riskju għall-organiżmi akkwatiċi,<br>— Lir-riskju fit-tul għall-mammiferi li jintużaw fl-għelieqi.<br>Fejn xieraq, il-kundizzjonijiet tal-użu għandhom jinkludu miżuri għall-mitigazzjoni tar-riskju. |

([1]) Aktar dettalji dwar l-identità u l-ispeċifikazzjoni tas-sustanza attiva jinsabu fir-rapport ta' analiżi.

*ANNESS II*

L-Anness tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 540/2011 huwa emendat kif ġej:

(1) fil-parti A, l-entrata 13 dwar il-feneżamid hija mħassra;

(2) fil-Parti B, tiżdied l-annotazzjoni li ġejja:

| | Isem Komuni, Numri ta' Identifikazzjoni | Isem tal-IUPAC | Purità (*) | Data tal-approvazzjoni | Skadenza tal-approvazzjoni | Dispożizzjonijiet speċifiċi |
|---|---|---|---|---|---|---|
| "85 | Feneżamid<br>Nru tas-CAS: 126833-17-8<br>Nru CIPAC: 603 | N-(2,3-dikloru-4-idrossifenil)-1- metilċikloeżan-1-karbossammid | ≥ 975 g/kg<br>L-impurità rilevanti li ġejja ma għandhiex taqbeż ċertu limitu fil-materjal tekniku:<br>— toluwen: massimu ta' 1 g/kg;<br>— 4-amino-2,3-diklorofenol: massimu ta' 3 g/kg. | fl-1 ta' Jannar 2016. | l-It-Tlieta, 31 ta' Diċembru 2030 | Għall-implimentazzjoni tal-prinċipji uniformi kif imsemmi fl-Artikolu 29(6) tar-Regolament (KE) Nru 1107/2009, għandhom jitqiesu l-konklużjonijiet tar-rapport ta' analiżi dwar il-feneżamid, u b'mod partikolari l-Appendiċijiet I u II tiegħu.<br>F'din il-valutazzjoni ġenerali, l-Istati Membri għandhom jagħtu attenzjoni partikolari:<br>— Lill-protezzjoni ta' operaturi waqt operazzjonijiet manwali li jsiru fuq uċuħ tar-raba';<br>— Lill-protezzjoni ta' ħaddiema li jkunu qed jerġgħu jidħlu ħdejn għelejjel li ma jkunux ġew trattati fil-beraħ;<br>— Lir-riskju għall-organiżmi akkwatiċi;<br>— Lir-riskju fit-tul għall-mammiferi li jintużaw fl-għelieqi.<br>Meta xieraq, il-kundizzjonijiet tal-użu għandhom jinkludu miżuri għall-mitigazzjoni tar-riskju." |

(*) Aktar dettalji dwar l-identità u l-ispeċifikazzjoni tas-sustanza attiva jinsabu fir-rapport ta' analiżi.

# REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2015/1202

## tat-22 ta' Lulju 2015

## li jistabbilixxi l-valuri standard tal-importazzjoni għad-determinazzjoni tal-prezz ta' dħul ta' ċertu frott u ħxejjex

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) Nru 1308/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas- 17 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi organizzazzjoni komuni tas-swieq fi prodotti agrikoli u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KEE) Nru 922/72, (KEE) Nru 234/79, (KE) Nru 1037/2001 u (KE) Nru 1234/2007 ([1]),

Wara li kkunsidrat ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 543/2011 tas-7 ta' Ġunju 2011 li jippreskrivi regoli dettaljati dwar l-applikazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1234/2007 fir-rigward tas-setturi tal-frott u l-ħxejjex u tal-frott u l-ħxejjex ipproċessati ([2]) u b'mod partikolari l-Artikolu 136(1) tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 543/2011 jistipula, skont ir-riżultat tan-negozjati kummerċjali multilaterali taċ-Ċiklu tal-Urugwaj, il-kriterji li bihom il-Kummissjoni tiffissal-valuri standard għall-importazzjonijiet minn pajjiżi terzi, għall-prodotti u għall-perjodi stipulati fl-Anness XVI, il-Parti A tiegħu.

(2) Il-valur standard tal-importazzjoni huwa kkalkulat kull ġurnata tax-xogħol skont l-Artikolu 136(1) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 543/2011, billi jqis id-dejta varjabbli ta' kuljum. Għalhekk dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

Il-valuri standard tal-importazzjoni msemmija fl-Artikolu 136 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 543/2011 huma stipulati fl-Anness għal dan ir-Regolament.

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-22 ta' Lulju 2015.

*Għall-Kummissjoni,*

*F'isem il-President,*

Jerzy PLEWA

*Direttur Ġenerali għall-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali*

---

([1]) ĠU L 347, 20.12.2013, p. 671.
([2]) ĠU L 157, 15.6.2011, p. 1.

*ANNESS*

**Il-valuri standard tal-importazzjoni għad-determinazzjoni tal-prezz ta' dħul ta' ċertu frott u ħxejjex**

*(EUR/100 kg)*

| Kodiċi tan-NM | Kodiċi tal-pajjiż terz (1) | Valur standard tal-importazzjoni |
|---|---|---|
| 0702 00 00 | AL | 29,8 |
| | MA | 154,8 |
| | MK | 34,0 |
| | ZZ | 72,9 |
| 0707 00 05 | TR | 137,2 |
| | ZZ | 137,2 |
| 0709 93 10 | AR | 73,3 |
| | TR | 120,5 |
| | ZZ | 96,9 |
| 0805 50 10 | AR | 116,4 |
| | LB | 87,7 |
| | TR | 109,0 |
| | UY | 143,6 |
| | ZA | 134,8 |
| | ZZ | 118,3 |
| 0806 10 10 | EG | 208,5 |
| | TN | 195,3 |
| | ZZ | 201,9 |
| 0808 10 80 | AR | 157,4 |
| | BR | 106,6 |
| | CH | 142,8 |
| | CL | 132,9 |
| | NZ | 150,3 |
| | US | 165,7 |
| | ZA | 122,1 |
| | ZZ | 139,7 |
| 0808 30 90 | AR | 111,6 |
| | CL | 147,9 |
| | NZ | 159,3 |
| | ZA | 112,7 |
| | ZZ | 132,9 |
| 0809 10 00 | TR | 235,0 |
| | ZZ | 235,0 |
| 0809 29 00 | TR | 240,3 |
| | ZZ | 240,3 |
| 0809 30 10, 0809 30 90 | TR | 214,0 |
| | ZZ | 214,0 |

*(EUR/100 kg)*

| Kodiċi tan-NM | Kodiċi tal-pajjiż terz (1) | Valur standard tal-importazzjoni |
|---|---|---|
| 0809 40 05 | BA | 69,9 |
| | IL | 116,3 |
| | ZZ | 93,1 |

(1) In-nomenklatura tal-pajjiżi stabbilita bir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 1106/2012 tas-27 ta' Novembru 2012 li jimplimenta r-Regolament (KE) Nru 471/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar statistika Komunitarja relatata mal-kummerċ estern ma' pajjiżi li mhumiex membri, fir-rigward tal-aġġornament tan-nomenklatura tal-pajjiżi u t-territorji (ĠU L 328, 28.11.2012, p. 7). Il-kodiċi "ZZ" jirrappreżenta "ta' oriġini oħra".

# DEĊIŻJONIJIET

## DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (UE) 2015/1203

## tal-20 ta' Lulju 2015

## li taħtar tliet membri Żvediżi u sitt membri supplenti Żvediżi fil-Kumitat tar-Reġjuni

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 305 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Gvern Żvediż,

Billi:

(1) Fis-26 ta' Jannar, fil-5 ta' Frar u fit-23 ta' Ġunju 2015, il-Kunsill adotta d-Deċiżjonijiet (UE) 2015/116 ([1]), (UE) 2015/190 ([2]) u (UE) 2015/994 ([3]) li jaħtru l-membri u l-membri supplenti fil-Kumitat tar-Reġjuni għall-perijodu mis-26 ta' Jannar 2015 sal-25 ta' Jannar 2020.

(2) Konsegwentement għat-tmiem tal-mandat tas-Sinjura Lotta HÅKANSSON HARJU, is-Sur Tore HULT u s-Sinjura Monalisa NORRMAN, saru vakanti s-siġġijiet ta' tliet membri,

(3) Konsegwentement għat-tmiem tal-mandat tas-Sinjura Carola GUNNARSSON, is-Sinjura Ewa LINDSTRAND, is-Sinjura Agneta LIPKIN, is-Sur Kenth LÖVGREN, is-Sur Roger MOGERT u s-Sur Anders ROSÉN, saru vakanti s-siġġijiet ta' sitt membri supplenti,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

Huma b'dan maħturin bħala membri fil-Kumitat tar-Reġjuni għall-bqija tal-mandat attwali, jiġifieri sal-25 ta' Jannar 2020:

— Is-Sur Joakim LARSSON, *Västra Götalands läns landsting*

— Is-Sinjura Anna LJUNGDELL, *Nynäshamns kommun*

— Is-Sur Tomas RISTE, *Värmlands läns landsting*

*Artikolu 2*

Huma b'dan maħturin bħala membri supplenti fil-Kumitat tar-Reġjuni għall-bqija tal-mandat attwali, jiġifieri sal-25 ta' Jannar 2020:

— Is-Sur Krister ANDERSSON, *Västra Götalands läns landsting*

— Is-Sur Xamuel GONZALEZ WESTLING, *Hofors kommun*

— Is-Sur Jonny LUNDIN, *Härnösands kommun*

— Is-Sur Glenn NORDLUND, *Örnsköldsviks kommun*

— Is-Sur Erik PELLING, *Uppsala kommun*

— Is-Sinjura Ingeborg WIKSTEN, *Västernorrlands läns landsting*

---

([1]) ĠU L 20, 27.1.2015, p. 42.
([2]) ĠU L 31, 7.2.2015, p. 25.
([3]) ĠU L 159, 25.6.2015, p. 70.

*Artikolu 3*

Din id-Deċiżjoni għandha ssir effettiva fil-jum tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi Brussell, l-20 ta' Lulju 2015.

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

F. MOGHERINI

# DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2015/1204

## tat-22 ta' Lulju 2015

## dwar deroga temporanja mir-regoli tal-oriġini stipulati fl-Anness II tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1528/2007 biex titqies is-sitwazzjoni speċjali li hemm fil-Kenja fir-rigward tal-flettijiet tat-tonn

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1528/2007 tal-20 ta' Diċembru 2007 li japplika l-arranġamenti għall-prodotti li joriġinaw f'ċerti stati li huma parti mill-Grupp ta' Stati Afrikani, tal-Karibew u tal-Paċifiku (AKP) previsti fi ftehimiet li jistabbilixxu, jew li jwasslu biex jiġu stabbiliti, Ftehimiet ta' Sħubija Ekonomika ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 36(1)(a) tal-Anness II tiegħu,

Billi:

(1) Fid-19 ta' Diċembru 2011 il-Kummissjoni adottat id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni 2011/861/UE ([2]) li tagħti deroga temporanja mir-regoli tal-oriġini stipulati fl-Anness II tar-Regolament (KE) Nru 1528/2007 biex titqies is-sitwazzjoni speċjali li hemm l-Kenja fir-rigward tal-flettijiet tat-tonn. Permezz tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni 2013/716/UE ([3]) ingħatat estensjoni għal dik id-deroga temporanja sat-30 ta' Settembru 2014.

(2) Fis-26 ta' Frar 2015, il-Kenja talbet biex tingħata deroga ġdida, għall-perjodu mill-1 ta' Jannar 2015 sal-31 ta' Diċembru 2015, għal 2 000 tunnellata ta' flettijiet tat-tonn. Fit-13 ta' Marzu 2015, il-Kenja ppreżentat informazzjoni addizzjonali relatata mat-talba li għamlet.

(3) Skont l-informazzjoni pprovduta mill-Kenja, il-qabdiet tat-tonn nej tal-oriġini għadhom ferm inqas mis-soltu, anke meta mqabbla mal-varjazzjonijiet staġonali normali, u dan wassal għal tnaqqis fil-produzzjoni tal-flettijiet tat-tonn. Barra minn hekk, il-Kenja ġibdet l-attenzjoni tar-riskju involut minħabba l-piraterija fil-perjodu tal-forniment tat-tonn nej. Minħabba din is-sitwazzjoni anormali, il-Kenja qed issibha temporanjament impossibbli li tikkonforma mar-regoli tal-oriġini stipulati fl-Anness II tar-Regolament (KE) Nru 1528/2007.

(4) Il-Kenja se tibbenefika minn deroga awtomatika mir-regoli tal-oriġini għall-flettijiet tat-tonn taħt l-Intestatura HS 1604 f'konformità mal-Artikolu 40(7) tal-Protokoll tal-Oriġini mehmuż mal-Ftehim ta' Sħubija Ekonomika bejn l-EAC u l-UE meta dak il-Ftehim jidħol fis-seħħ jew meta jiġi applikat provviżorjament.

(5) Skont l-Artikolu 4(2) tar-Regolament (KE) Nru 1528/2007, ir-regoli tal-oriġini stipulati fl-Anness II ta' dan ir-Regolament u d-derogi minnhom għandhom jiġu sostitwiti mir-regoli tal-Ftehim ta' Sħubija Ekonomika bejn l-EAC u l-UE, li d-dħul fis-seħħ tiegħu jew l-applikazzjoni provviżorja tiegħu mistennija jkunu fl-2016. Minħabba li s-sitwazzjoni globali, inkluż l-istat tar-ratifika tal-Ftehim ta' Sħubija Ekonomika bejn l-EAC u l-UE, se tiġi rivalutata fl-2016, id-deroga għandha tapplika sal-31 ta' Diċembru 2015.

(6) Meta jitqiesu l-importazzjonijiet konċernati, deroga temporanja mir-regoli tal-oriġini stipulati fl-Anness II tar-Regolament (KE) Nru 1528/2007 ma għandhiex tikkawża ħsara serja f'industrija Komunitarja diġà stabbilita, dejjem jekk jiġu mħarsa ċerti kundizzjonijiet relatati mal-kwantitajiet, is-sorveljanza u t-tul ta' żmien.

([1]) ĠU L 348, 31.12.2007, p. 1.

([2]) Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni 2011/861/UE tad-19 ta' Diċembru 2011 dwar deroga temporanja mir-regoli tal-oriġini stipulati fl-Anness II tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1528/2007 biex titqies is-sitwazzjoni speċjali li hemm fil-Kenja fir-rigward tal-flettijiet tat-tonn (ĠU L 338, 21.12.2011, p. 61)

([3]) Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni 2013/716/UE tal-4 ta' Diċembru 2013 li temenda d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni 2011/861/UE dwar deroga temporanja mir-regoli tal-oriġini stipulati fl-Anness II tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1528/2007 biex titqies is-sitwazzjoni speċjali li hemm fil-Kenja fir-rigward tal-flettijiet tat-tonn (ĠU L 326, 6.12.2013, p. 45)

(7) Kif xieraq, għandha tingħata deroga lill-Kenja għal 2 000 tunnellata metrika flettijiet tat-tonn għall-perjodu ta' sena.

(8) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 2454/93 ([1]) jistipula r-regoli dwar il-ġestjoni tal-kwoti tariffarji. Dawk ir-regoli għandhom jiġu applikati għall-ġestjoni tal-kwantità li għaliha qed tingħata d-deroga permezz ta' din id-Deċiżjoni.

(9) Sabiex ikun hemm monitoraġġ effiċjenti ta' kif qed titħaddem id-deroga, l-awtoritajiet tal-Kenja għandhom jgħaddu lill-Kummissjoni d-dettalji taċ-ċertifikati tal-moviment EUR.1 li jkunu nħarġu, b'mod regolari.

(10) Sabiex jiġu żgurat il-forniment regolari ta' flettijiet tat-tonn mill-Kenja lejn l-Unjoni u anki l-użu ottimali tal-kwota tad-deroga, u sabiex tiġi limitata l-possibbiltà ta' tfixkil fil-kummerċ wara l-iskadenza tad-deroga ta' qabel, għandha tingħata deroga ġdida b'effett retroattiv mill-1 ta' Jannar 2015.

(11) Il-miżuri pprovduti f'din id-Deċiżjoni huma skont l-opinjoni tal-Kumitat tal-Kodiċi Doganali,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

B'deroga mill-Anness II tar-Regolament (KE) Nru 1528/2007 u skont l-Artikolu 36(1)(a) ta' dak l-Anness, il-flettijiet tat-tonn taħt l-intestatura HS 1604 manifatturati minn tonn mhux tal-oriġini taħt l-Intestatura HS 0303 għandhom jitqiesu bħala li joriġinaw mill-Kenja skont it-termini stipulati f'din id-Deċiżjoni.

*Artikolu 2*

Id-deroga prevista fl-Artikolu 1 għandha tapplika għall-oġġetti u l-kwantitajiet stipulati fl-Anness li huma dikjarati għar-rilaxx għal ċirkolazzjoni libera fl-Unjoni mill-Kenja matul il-perjodu mill-1 ta' Jannar 2015 sal-31 ta' Diċembru 2015.

*Artikolu 3*

Il-kwantitajiet stipulati fl-Anness ta' din id-Deċiżjoni għandhom jiġu ġestiti skont l-Artikoli 308a, 308b u 308c tar-Regolament (KEE) Nru 2454/93.

*Artikolu 4*

L-awtoritajiet doganali tal-Kenja għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa sabiex iwettqu l-kontrolli kwantitattivi fuq l-esportazzjonijiet tal-oġġetti msemmija fl-Artikolu 1.

Qabel tmiem ix-xahar ta' wara kull perjodu ta' tliet xhur, l-awtoritajiet kompetenti tal-Kenja għandhom jibagħtu lill-Kummissjoni dikjarazzjoni ta' kull tliet xhur tal-kwantitajiet li għalihom ikunu nħarġu ċertifikati tal-moviment EUR.1 skont din id-Deċiżjoni u n-numri tas-serje ta' dawk iċ-ċertifikati.

*Artikolu 5*

Il-kaxxa Nru 7 taċ-ċertifikati tal-moviment EUR.1 li jinħarġu skont din id-Deċiżjoni għandha tinkludi dan li ġej:

"Derogation — Commission Implementing Decision 2015/…/EU".

([1]) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 2454/93 tat-2 ta' Lulju 1993 li jiffissa d-dispożizzjonijiet għall-implimentazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2913/92 li jistabbilixxi l-Kodiċi Doganali Komunitarju (ĠU L 253, 11.10.1993, p. 1)

*Artikolu 6*

Din id-Deċiżjoni tidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tagħha.

Tapplika mill-1 ta' Jannar 2015 sal-31 ta' Diċembru 2015.

Magħmul fi Brussell, it-22 ta' Lulju 2015.

*Għall-Kummissjoni*
*Il-President*
Jean-Claude JUNCKER

*ANNESS*

| Nru tal-Ordni | Kodiċi tan-NM | Deskrizzjoni tal-oġġetti | Perjodu | Kwantitajiet |
|---|---|---|---|---|
| 09.1667 | 1604 14 36 | Flettijiet tat-tonn | 1.1.2015 sa 31.12.2015. | 2 000 tunnellata |

ISSN 1977-074X (edizzjoni elettronika)
ISSN 1725-5104 (edizzjoni stampata)

**L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea**
2985 Il-Lussemburgu
IL-LUSSEMBURGU

MT